**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Mario Casha**

Numru: 72/2015

Illum 2 ta' Dicembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mario Casha,** ta' disgha u hamsin (59) sena, iben Joseph u Maria nee' Zahra, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar l-20 ta' Awwissu 1956, residenti fil-fond 'Ave Maria', Triq il-Wiehed u Tletin ta' Marzu 1979, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 45156(G), akkuzat talli fix-xahar ta' Marzu 2015 waqt li kien f'Ta' Kercem, Ghawdex u/jew fil-vcinanzi;

1. Minghajr l-awtorizzazzjoni mehtiega ta dokumenti tal-votazzjoni ta' Antoinette Tabone lil Raymond Azzopardi u dan bi ksur tal-Artikolu 112(c) tal-Kapitolu 354;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghen jew hajjar sabiex isir reat taht l-Artikolu 112 tal-Kapitolu 354 jew ittenta li jaghmel dak ir-reat;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku kkommetta reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kien fid-dmir li jimpedixxi u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi kollha li ngabu quddiemha;

Rat l-artikoli;

Semghet lill-prosekuzzjoni u lid-difiza jaghmlu s-sottomissjonijiet finali taghhom.

**Ikkunsidarat**:

Dan il-kaz imur lura ghar-Referendum dwar il-Kacca fir-Rebbiegha u l-elezzjoni ghall-Kunsill Lokali ta' Kercem li saru f'April 2015. Antoinette Tabone li l-vot taghha huwa registrat f'Ta' Kercem izda tghix Malta awtorizzat lil certu Raymond Azzopardi biex jigbor il-vot taghha u dan wara li offrielha li jaghmel dan.

Il-Qorti rat ix-xhieda b'mod partikolari li tat Antoinette Tabone li ddikjarat li kienet hi li tat l-awtorizzazzjoni lil Raymond Azzopardi biex jigbor il-voti taghha u li hija ma ghamlet l-ebda rapport jew ilment dwar dan il-fatt. Hija wara talbet biss li l-vot taghha tkun tista' tigbru minn Malta u dan wara li kienet diga' awtorizzat lil Raymond Zammit biex jigbrielha l-vot kif fil-fatt ghamel. Ix-xhud iddikjarat li hija la taf lil Raymond Azzopardi u lanqas lill-Kuntistabbli Mario Casha, u sal-lum ghadha ma tafx min huma. Hija ghamlitha cara darba, darbtejn waqt ix-xiehda taghha li hi m'ghamlet l-ebda ilment u lanqas awtorizzat lil xi hadd iehor li jilmenta f'isimha. Hija sostniet quddiem il-Qorti li hi ma trid li jsir deni lil had.

Dan huwa kaz li wasal quddiem il-Qorti mhux minhabba ilment tas-Sinjura Tabone imma wara talba li saret lill-pulizija biex jinvestigaw il-kaz.

Fil-Qorti kienet esebita biss email ta' rapprezentant ta' Partit li talab investigazzjoni u lanqas biss din il-persuna ingabet biex tixhed fil-kawza biex tikkonferma l-email li baghtet.

Il-Qorti tinnota li hija drawwa maghrufa u ilha snin stabilita f'Ghawdex illi l-voti jingabru minn individwi nkluz dawk li jiehdu hsieb xi proprjetajiet ta' Maltin u barranin f'kaz tal-Kunsilli Lokali ta' dawk li huma registrati biex jivvutaw Ghawdex izda joqghodu Malta. Jista' jkun li dan ma jafuhx la l-Kummissjoni Elettorali u lanqas il-pulizija li ghazlu li jmexxu dan il-kaz 'il quddiem.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni Elettorali li ghandha taghmel kampanja ta' edukazzjoni pubblika biex il-pubbliku jkun infurmat x'tghid il-Ligi dwar it-tqassim tal-voti biex ma jkunx hemm min minghajr ma jaf u minghajr intenzjoni jkun qieghed jikser il-ligi meta jawtorizza lil persuna li mhix wahda minn dawk li huma eligibbli biex jigbru l-vot ta' haddiehor u m'hu awtorizzat l-ebda persuna ohra li ma tghix f'dik ir-residenza biex tigbor il-vot ta' haddiehor.

Il-Qorti tirrimarka li meta jkollok Kuntistabbli bhas-Sur Mario Casha fejn ta tmienja u ghoxrin (28) sena ta servizz lil dan il-pajjiz b'mod ezemplari tant li mid-dokument esebit irrizulta li qatt ma ttiehdu xi passi dixxiplinari fil-konfront tieghu, m'ghandux jghaddi kalvarju kif ghadda meta defsuh bhal Pilatu fil-Kredu, meta hu qeda dmiru bl-ahjar mod possibbli dejjem. F'kaz bhal dan li kieku rrizulta li kien hemm xi nuqqas min-naha tieghu kellu jghaddi proceduri dixxiplinarji interni, kif gara f'kazijiet ohra fil-passat u mhux procedure kriminali. Hija hasra li s-Sur Casha ttermina l-impjieg tieghu mill-Korp tal-Pulizija qabel inbdew dawn il-proceduri meta kien baqghalu xi snin ta' servizz fil-Korp.

**Decide**

Ghadaqstant ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 112 u 112(c) tal-Kapitolu 354 u Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

tiddikjara illi mill-provi kollha prodotti l-ingredjenti mehtiega biex tinstab htija dwar r-reati migjuba kontra l-imputat ma jirrizultawx u ghalhekk qieghda tillibera lill-imputat.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**